**4 ta' Diċembru, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Frank G. Camilleri LL.D.**

A

*versus*

B u C *et noe*

**Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili - Paternità - Azzjoni ta'**

*Il-Qorti laqgħet it-talba attriċi u ddikjarat illi l-attur kien missier minorenni reġistrati bħala ulied il-konvenut.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha, wara li ppremetta:

Li l-konvenuta B, mart il-konvenut C, weldet tewmien fil-11 ta' Settembru, 1992, skond kif jirriżulta mill-annessi ċertifikati tat-twelid li jġibu n-numri 4473 u 4474 ta' l-1992, dok. A u B, minn fejn jirriżulta ukoll li hemm irreġistrat il-konvenut bħala missier it-tewmin minuri, u għalhekk it-tewmin iġibu l-ismijiet rispettivi ta' D u E;

Li, fil-fatt, il-konvenut mhux ġenetikament missier it-twemien D u E, imma huwa l-attur u minn issa lest li jissottometti ruħu għal kull eżami xjentifiku ħalli jiġi stabbilit li huwa missier it-twemin D u E;

Li huwa għandu interess li jkun iddikjarat missier il-minuri hawn imsemmija u dan skond l-artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili;

Li, inoltre, il-konvenuta kienet fl-impossibbiltà fiżika li tikkoabita ma' żewġha, li minnu kienet separata, u tgħix biss miegħu, u dan għaż-żmien kollu li jipprevedi l-artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili;

Talab li l-konvenuti *proprio et nomine* jgħidu għala din il-Qorti m'għandhiex:

Tiddikjara li huwa, u mhux il-konvenut, huwa l-missier tal-minuri D u E li welldet il-konvenuta skond kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-istess minuri li jġibu n-numru 4473 u 4474 ta' l-1992 rispettivament u, konsegwentement, li kull fejn hemm irreġistrat li l-konvenut huwa missier l-imsemmija minuri għandu jiġi kkanċellat;

Konsegwentement, tordna, fit-termini ta' l-artikolu 256 (1) tal-Kodiċi Ċivili n-notifika ta' l-istess sentenza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għall-finijiet ta' l-istess artikolu;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nġunti għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata u n-nota tax-xiehda ta' l-attur;

Rat l-avviż nru. 701 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern

*nru. 15,968* tat-*28* ta' *Ġunju, 1994* (*fol. 10*);

Rat li l-konvenuti, debitament innotifikati biċ-ċitazzjoni, naqsu li jippreżentaw in-nota ta' eċċezzjonijiet tagħhom u hekk baqgħu kontumaċi;

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Mejju, 1997 li bih innominat lit-Tabib Patologu Joseph Louis Grech sabiex jesegwixxi t-test magħruf bħala *DNA Finger Printing* u *għaldaqshekk awtorizzatu biex jagħmel il-prelevament tad-demm* minn fuq il-persuna ta' l-attur u tal-minuri D u E sal-lum C kif ukoll tal-konvenuta B u tal-konvenut C b'dan illi l-kampjuni jintbagħtu lill-laboratorji Cellmark Diagnostics f'Abingdon, Oxfordshire, Ingilterra, biex hemmhekk isir dak *kollu li jkun meħtieġ*;

Rat id-digrieti tagħha tat-8 ta' Ġunju, 1997 u ta' l-4 ta' Awissu, 1997 li bihom emendat l-imsemmi nkarigu billi eskludiet il-prelevament tad-demm taż-żewġ minuri tewmin u ordnat li jsir il-prelevament tad-demm minn wieħed minnhom a xelta tal-perit patalogu; liema modifiki saru wara li ġew intavolati żewġ rikorsi, wieħed tad-29 ta' Mejju, 1994, u l-ieħor tat-18 ta' Lulju, 1997 (fol. 57 u 59);

Rat ir-rapport peritali ta' l-imsemmi Tabib Patologu Dottor Joseph Louis Grech ikkonfermat bil-ġurament fl-udjenza tat-2 ta' Marzu, 1998;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Eżaminat id-deposizzjonijiet;

Ikkunsidrat:

Li din l-azzjoni hija mmirata għall-impunjazzjoni tal-leġittimità taż-żewġ minuri tewmin D u E li twieldu, matul iż-żwieġ tal-konvenuta B ma' C, fit-12 ta' Settembru, 1992 (ara Ċertifikat tat-Twelid esebiti a fol. 5 u 6);

Din l-azzjoni tinsab ikkontemplata fl-artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili u tista' tiġi esperita "minn kull min ikollu interess, jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u *tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-raġel kien fl-*impossibbilità fiżika li jgħammar ma' martu minħabba li kien bogħod minnha";

Fil-każ odjern, l-azzjoni qiegħda tiġi ntentata mill-attur għaliex hu jippretendi li t-tewmien minuri D u E huma wild naturali tiegħu billi twieldu mir-relazzjoni sesswali li huwa kellu mal-konvenuta. Huwa, għalhekk, qiegħed jitlob lill-Qorti biex tiddikjara li huwa hu l-missier ta' l-imsemmijin tewmin minuri u mhux il-konvenut C li, fl-atti tat-twelid tagħhom, jidher reġistrat bħala l-missier u, konsegwentement, qiegħed jitlob ukoll li kull fejn hemm, fl-istess atti, reġistrat l-isem tal-konvenut bħala missierhom dan għandu jiġi kkanċellat u sostitwit b'ismu;

Ikkunsidrat:

Li jirriżulta mit-testijiet li saru tad-DNA li meta ġew imqabbla l-*bands* tat-tifel E ma' dawk ta' l-omm (il-konvenuta) instab li mill-anqas kien hemm wieħed u għoxrin (21) minnhom li ma jinstabux fid-demm tagħha u li, għalhekk, dawn setgħu jintirtu biss mill-missier bijoloġiku. Minn dawn il-*bands* hemm għoxrin (20) li jinstabu fid-DNA ta' l-attur;

Il-perit patologu jikkonkludi li, għalhekk, l-attur mhux eskluż mill-paternità tal-minuri E; anzi, "minn dawn ir-

riżultati", ikompli jgħid l-istess perit, "jidher li l-probabbilità li E huwa l-veru missier bijoloġiku ta' A hija mill-anqas tnax-il elf miljun darba milli dawn ma jiġux minn xulxin. Għalhekk, din il-probabbilità fuq il-bażi tad-DNA hija mhux anqas minn 99.99% (fil-mija)";

Jingħad li dak li jirriżulta fir-rigward tal-minuri E huwa applikabbli fil-każ tal-minuri D għaliex kemm wieħed kif ukoll *l-ieħor huma wild mill-istess tqala;*

Ikkunsidrat:

Jidher li din il-konklużjoni li wasal għaliha l-perit patalogu tinsab assodata minn dak li xehdu l-istess kontendenti;

L-attur xehed hekk: "it-tewmin minuri D u E twieldu mir-relazzjoni li jiena kelli mal-konvenuta". U biex aktar jagħti prova tal-permanenza ta' din ir-relazzjoni mal-konvenuta huwa kompla jixhed dan:"Issa qiegħed niftakar illi jiena u l-*konvenuta bdejna noħorġu flimkien fil-Milied ta'* l-1990 u bdejna ngħixu flimkien bħala mara u raġel miżżewġa f'Mejju ta' l-1991";

Il-konvenuta tikkorrobora lill-attur meta xehdet:

"Bqajna niltaqgħu u noħorġu flimkien u f'Mejju ta' l-1991 bdejna ngħixu flimkien bħala mara u raġel fiż-żwieġ. Konna 'sibna nikru *farmhouse* magħrufa bħala "ta' Adolf" fi Triq Ħaż-Żebbuġ, ir-Rabat. Proprjament ma konniex krejna din il-*farmhouse*. Din hi d-dar ta' missieru u morna noqgħodu hemmhekk. *It-tfal in kwistjoni twieldu mir-relazzjoni li jiena* kelli ma' l-attur ... Meta bdejna l-konvivenza ta' bejnietna ċjoè meta morna noqgħodu f'dan ir-razzett, il-proċeduri biex jiena nissepara ruħi minn mal-konvenut kienu diġà bdew". Il-

konvenuta kompliet tixhed li kienet iżżewġet fl-20 ta' Awissu, 1989 u żiedet tgħid: "Għandi ngħid illi jiena darba biss għamilt l-att taż-żwieġ ma' żewġt wara li konna żżewwiġna. Dan kien ftit ġranet wara li żżewwiġna";

Wara li qalet li kienet telqet definittivament mid-dar konjugali madwar xahrejn wara li kienet iżżewwġet, il-konvenuta kompliet tgħid li kienet marret tgħix ma' ommha, fil-Ħamrun u minn dak in-nhar lill-konvenut ma ratux aktar u l-ewwel darba li ratu kien meta ġie biex jixhed fil-kawża;

Il-konvenut xehed hekk:

"Għandi ngħid ukoll illi t-tfal minuri D u E, għalkemm iġibu l-kunjom tiegħi, mhumiex uliedi. Għandi ngħid illi l-inkwiet bejni u marti beda, l-għaliex marti riedet tibda taħdem bil-lejl u jiena bdejt nisma' ċerti stejjer fuq marti. Marti baqgħet tinsisti li trid taħdem bil-lejl u fil-fatt, bdiet taħdem bil-lejl. Marti bdiet taħdem bil-lejl kif għidt u jiena bqajt ninsisti illi m'għandhiex taħdem bil-lejl u l-affarijiet ta' bejnietna marru għall-agħar; imbagħad, bdejna bin-noti ċjoè bdiet tħallili noti d-dar daqqa għax sejra hemm u daqqa għax għandha *party* hemm u affarijiet oħra bħal dawn;

Din is-sitwazzjoni baqgħet tippersisti sa Awissu tas-sena ta' wara. Jiena kont ippruvajt nistaqsi dwarha ma' ommha u anke ġieli staqsejt lil ħuha u ma kontx nieħu sodisfazzjon; imbagħad, qisu f'Awissu tas-sena 1990, hi telqet mid-dar u ġara li ġara;

Nixtieq naċċerta lill-Qorti li wara Awissu ta' l-1990 jiena u marti qatt ma kellna x'naqsmu bejnietna; jiġifieri qatt ma kelli magħha relazzjonijiet ta' bejn il-miżżewġin wara Awissu ta' l-1990;

Jiena meta twieldu dawna ż-żewġt itfal ma kontx naf li kienu twieldu. Hadd qatt ma qalli xejn dwarhom";

Ikkunsidrat:

Li sintomatiku ta' din is-sitwazzjoni huwa l-fatt li, f'okkażjoni waħda meta kien qiegħed jiddeponi l-attur, huwa rrifera għall-konvenuta bħala martu. Imbagħad, fl-udjenza ta' wara, l-istess attur bħal speċi skuża ruħu u ddepona li kien sejħilha hekk bi żvista billi kien jikkunsidraha u jistmha qisha martu u żied jgħid li huwa kien mifrud minn martu F b'sentenza tal-Qorti u, aktar tard fil-kawża, xehed li minn dan iż-żwieġ għandu tifel G;

Jirriżulta li anke l-konvenuti B u C huma legalment separati b'sentenza ta' din il-Qorti ta' l-20 ta' Ġunju, 1995 (kopja esebita a fol. 36). Fis-sentenza, jingħad li s-separazzjoni kienet qiegħda tingħata "peress illi ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment";

Huwa ukoll ta' eċċezzjonalità partikolari għal dan il-każ il-fatt li, filwaqt li fiċ-ċertifikat tat-twelid tat-tfal minuri hemm imniżżel li missierhom huwa l-konvenut, meta tgħammdu fis-7 ta' Novembru, 1992, l-attur ġie mniżżel bħala missierhom. Ċertament, meta twieldu, fil-11 ta' Settembru, 1992, il-kawża ta' separazzjoni bejn il-konvenut u l-konvenuta kienet għadha pendenti u, għalhekk, il-missier indikat kellu neċessarjament ikun il-konvenut. Naturalment, meta l-attur u l-konvenuta ġew biex jgħammdu liż-żewġ uliedhom, l-affarijiet, imbagħad, kienu laħqu ċċaraw talment li l-Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ kien kostrett li jindika lill-attur bħala l-missier (ara ċertifikat fol. 18 u 19);

Il-Qorti tħoss li, b'dawn ir-riżultanzi proċesswali kollha, m'għandux ikun hemm l-ebda dubbju li t-tewmin minuri E u D

huma ulied naturali ta' l-attur. Dan qiegħed jingħad għaliex mhux biss hemm relazzjoni estremament teknika li ma tħalli l-ebda dubbju raġonevoli li l-imsemmijin minuri huma ulied l-attur iżda ukoll peress illi x-xhieda l-oħra kollha proċesswali tikkorrobora l-konklużjonijiet peritali b'mod li l-paternità ta' l-attur relattivament għall-istess minuri hija ħaġa għal kollox assodata;

Ikkunsidrat:

Kif ġà ntqal, l-artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili jirrikjedi li biex wieħed jirnexxi b'din l-azzjoni huwa għandu jipprova illi, fiż-żmien it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-raġel kien fl-impossibbilità fiżika li jgħammar ma' martu minħabba li kien bogħod minnha;

Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kliem "minħabba li kien bogħod minnha" m'għandhomx jingħataw it-tifsira li r-raġel ma jkunx jgħix fil-pajjiż fejn tabita martu. Illum, meta l-mezzi ta' komunikazzjoni bejn pajjiż u ieħor tant tjiebu, din ix-xorta ta' lontananza ma toffri l-ebda prova fis-sens tal-liġi. Anke l-priġunerija tar-raġel illum mhi l-ebda prova li huwa jinsab "bogħod minn martu" għaliex huwa possibbli li dawn jiltaqgħu;

Il-Qorti taħseb li, f'dan il-kuntest, l-interpretazzjoni li għandha tingħata hija li din il-lontanza bejn il-mara u r-raġel għandha tkun waħda ta' natura psikoloġika aktar milli tirrifletti d-distanza fiżika ta' bejniethom;

Fil-każ odjern, saret il-prova li minn Awissu, 1990, il-konvenuta u l-konvenut infirdu bejniethom billi l-konvenuta qabdet u marret tgħix ma' ommha; imbagħad, hi u l-attur marru jgħixu f'razzett fir-Rabat u baqgħu jgħixu sal-lum bħala miżżewwġin. Jirriżulta ukoll illi l-konvenuti damu għal madwar

ħames (5) snin sħaħ f'kawża li ddeċidiet is-separazzjoni tagħhom minħabba li ż-żwieġ kien tfarrak irrimedjabbilment. Di più saret il-prova li wara li l-konjuġi B u C infirdu *de facto* f'Awissu, 1990, l-ewwel darba li dawn raw lil xulxin kien meta l-konvenut xehed fil-kawża, jiġifieri fit-22 ta' Novembru, 1996;

Issa, it-tfal minuri twieldu fil-11 ta' Settembru, 1992. Għalhekk, hija ħaġa inkonċepibbli li bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tagħhom il-konvenut seta' jgħammar ma martu; aktar u aktar meta l-konvenut assigura lill-Qorti, kif ingħad, li wara Awissu, 1990, huwa qatt ma kellu relazzjonijiet ta' bejn il-miżżewwġin ma' martu;

Kwindi, f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti jidhrilha li dan l-aħħar rekwiżit jinsab sodisfatt;

Għal dawn il-motivi:

Fil-kontumaċja tal-konvenuti, taqta' u tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt li tadotta r-rapport peritali, tilqa' t-talbiet attriċi u hekk: (1) tiddikjara li l-attur, u mhux il-konvenut, huwa l-missier tal-minuri D u E li welldet il-konvenuta fil-11 ta' Settembru, 1992, kif jirriżulta miċ-ċertifikati tat-twelid tagħhom (kopji esebiti a fol. 5 u 6); (2) konsegwentement, tordna li fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' D, li jġib in-numru progressiv 4473 tas-sena 1992, kif ukoll f'dak ta' E, li jġib in-numru progressiv 4474 ta' l-istess sena, isir il-bdil meħtieġ fil-parti relattiva għal "Tagħrif dwar il-missier it-tarbija", taħt "Isem u Kunjom", billi jiġi kkanċellat l-isem u kunjom "C" u l-partikolaritajiet l-oħra u minflok jiġu sostitwiti bl-isem u l-kunjom ta' l-attur "D" flimkien mal-partikolaritajiet tiegħu fil-kolonni appożiti u ċjoè billi jiġu nseriti l-kliem "*Machine Operator*" fil-kolonna li tindika s-sengħa, "26" fil-kolonna li tindika l-età u r-raħal "Żebbuġ" fil-kolonna li tindika fejn twieled u fil-kolonna li

tindika fejn joqgħod, kif ukoll il-kliem "H (*alive*)" fil-kolonna fejn tingħata l-paternità tal-missier u (3) konsegwentement ukoll, tordna li, fit-termini ta' l-artikolu 256 (1) tal-Kodiċi Ċivili, kopja vera ta' din is-sentenza tingħata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku tramite r-Reġistratur tal-Qorti;

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu bin-nofs bejn l-attur u l-konvenuta.

---